**Kunsill Lokali**
**Għajnsielem**

---

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 49 – 30 ta' Marzu 2023**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar il-Hamis 30 ta' Marzu 2023 fl-4:00pm.

| **Preżenti** | | |
|---|---|---|
| | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**49.1 Talba**

49.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

49.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**49.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

49.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**49.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

49.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għat-talba li rċevejna mis-Surmast Colin Apap sabiex għal darb'oħra nkunu parti mill-'Gaulitana: A Festival of Music' li qiegħed jsib ruħu fil-kalendarju kulturali tagħna b'attivita' mużikali fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani. L-attivita' hija skedata lejn nofs jew l-aħħar ta' April u jkun xieraq li nkunu preżenti.

49.4.2 Is-Sindku rrefera għall- problema ta' drenaġġ nieżel fix-Xatt l-Aħmar. Din ilha sejra għal diversi ġranet u tidher li l-problema prinċipali hija li l-mains huma dojoq u mhux jlaħħqu mad-domana li jkun hemm b'konsegwena li fl-aktar post baxx qed jfur dan id-drenaġġ u jispiċċa fil-baħar. Id-drenaġġ mhu jaqta xejn. Hemmhekk huwa l-aktar punt baxx u l-ewwel li jfur huwa hemmhekk. L-awtoritajiet qalulna li hemm bżonn investiment sabiex

jitwessa' u jsir investiment ġdid fis-sistema f'dawn l-inħawi. Hemm bżonn issir aktar pressjoni mal-Gvern Ċentrali biex dan jseħħ. Saret referenza wkoll għall-problema tad-drenaġġ fi Triq Sant'antnin. Sar qbil li ssir pressjoni minn naħa tagħna.

49.4.3 Is-Sindku għamel referenza għal Triq iż-Żewwieqa fejn fil-laqgħat preċedenti ddiskutejna diversi talbiet li kellna sabiex issir sleeping police fejn kienet qabel ma' din it-triq ingħatat wiċċ ġdid. Transport Malta aċċettat it-talba iżda talbet sabiex dan jsir min naħa tagħna. Se nużaw ir-rubber li kellna fi Triq Bwier għaliex hemmhekk qabel kien hemm tlieta u issa hemm biss tnejn wara li inqalgħet din it-triq u saret mill-ġdid bit-tarmac. Għandna waħda żejda li konna xtrajna għat-triq iċ-Ċimiterju. Sar qbil li għandha ssir.

49.4.4 Is-Sindku rrefera għall-inċident li ġara fix-Xatt l-Aħmar fejn persuna ċartet il-pala tas-saqajja mal-passaġġ tal-ħadid li hemm jagħti għall-area tal-Ingliz. Billi bħala kunsill konna diġa amilna it-talba sabiex jinbidel ċertu ħadid li ssaddad jew tmermer wara ix-xitwa, erġajna għamilna kuntatt minnufiħ sabiex dawn jinbidlu immedjatament. Ġiet irranġata din il-ġimgħa.

49.4.5 Is-Sindku għamel referenza għal fatt li kif kien maqbul, ergajna applikajna mill-ġdid għas-swimming Zone għall-istaġun tas-Sajf 2023.

49.4.6 Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-lotterija tal-biljett ġentilment mogħti minn Sisu Tours u għal fatt li s'għadu ma sar xejn fuqha. Għadna nibgħatu talba lil Sisu sabiex il-biljett jingħata fl-2024 u nipprintjaw il-biljetti minnufih. Sar qbil li għandna nipprintjaw il-biljetti u ninkarigaw lis-Sinjura Mary Scicluna biex tgħinna fiha.

49.4.7 Is-Sindku għamel referenza għall-petizzjoni li saret dan l-aħħar sabiex il-proġett tal-Gozo Heritage PA/00831/23 jinbidel minn ħmistax l-appartament għal dar tal-anzjani. Il-policy tippermenti li jekk tkun dar tal-anzjani (jew lukanda), jingħataw żewġ sulari oħra. Bħala kunsill rridu naraw il-prijoritajiet tar-residenti x'inhuma. L-NGos appellaw xorta. Bħala parkeġġ ser ikollha tlett sulari u ser jinfdu għall-Triq Qigħan. Bħala dar tal-anzjani, bħalma hija lukanda jingħataw żewġ sulari iżjed mill-policy. Bħala Kunsill mhux ser noġġezzjonaw għal Dar tal-Anzjani u mhux appartamenti.

49.4.8 Ġejna mistednin sabiex illum fis-6.30pm ninawguraw Wirja tal-Ġimgħa Imqaddsa fil-każin tal-Banda. Il-Kunsill se jkun qed jgħin permezz ta' posters, drapp u self ta' boards u mwejjed.

49.4.9 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu ma' rappreżentanti il-Kunsill Reġjonali Għawdex dwar il-ħidma li twettaq l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni. Waqt din il-laqgħa ser ikun spjegat ukoll il-mod kif l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni tista' tgħin lill-Kunsilli Lokali b'mod speċjali fejn jidħlu ilmenti marbuta ma' xogħol ta' kostruzzjoni fil-lokalità tagħhom. F'kaz ta' ksur ta' regolamenti għandhom jiġu nfurzati mill-BRCA.

## 49.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

49.5.1 Il-kunsillier SM irrefera għal-laqgħa li kellna nagħmlu mal-isqof rigward il-proġett tal-Pjazza Madonna ta' Loretu. Sar qbil li għandna nagħmlu talba.

49.5.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca staqsa fejn wasalna fl-appell tas-*sheep farm*. Is-Sindku wieġbu li wara li appellajna, qed nistennew li jinstema' l-appell.

49.5.3 Il-Kunsillier Stephen Mercieca faħħar lill-Viċi Sindku Franco Ciangura tal-installazzjoni tas-Salib għax verament serviet bħala attrazzjoni mill-isbaħ.

49.5.4 Il-kunsillier Teddy Saliba ġie avviċinat mill-Arka biex nagħmlu xi attivita' in Aid of Arka Foundation. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

49.5.5 Il-Kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għall-Boċċi Pitch . Is-Sindku wieġbu li din ġiet inserita fil-proġett tal-Għajnsielem Learning Garden iżda għad fadal xi uħud li jixtiequ Boċċi Pitch ċentrali, imsaqqfa u bil-Bar. Is-Sindku wieġeb li din għandha tiġi konsidrata fit-twettiq ta' proġetti oħra ċentrali.

49.5.6 Il-Kunsillier Teddy Saliba staqsa jekk smajniex xi ħaġa fuq l-oġġezzjoi li għamilna fuq l-iżvilupp ta' Kemmuna. Is-Sindku wieġeb li ma kien hemm l-ebda żviluppi.

49.5.7 Il–Viċi Sindku Franco Ciangura għamel referenza għal-ilment ta' tiġieġ anke gol-playing field. Is-Sindku wieġbu li ser jinqabdu mill-post.

49.5.8 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura staqsa jekk Mr Evans kienx kellimna rigward il-pagament tas-siġra. Is-Sindku wieġbu li ser jgħaddilna l-pagament.

49.5.9 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab jekk hux possibli li nistiednu lill-Ministru għal Għawdex biex ninawguraw l-attrazzjoni tas-Salib. Sar qbil li għandna nistiednuh biex ninawgurawh il-Hadd 2 t'April filgħaxija.

## 49.6 Wara l-attivitajiet tas-St. Patrick's u Festa Roti 2023

49.6.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal żewġ attivitajiet kbar li kellna b'suċċess kbir, dik ta' St Patrick's fis-17 ta' Marzu u FestaRoti fil-25 ta' Marzu 2023.

49.6.2 Huwa spjega kif is- St Patrick's Event kien esperiment li rnexxa għall-ewwel darba f'Għawdex. Kienet attivita' ta' disa' sigħat ta mużika u divertiment għal kulħadd. Kienet attivita' li kella ħafna xogħol iżda kien hemm atmosfera mill-isbaħ permezz tat-tiżjin, mużika u ambjent. Inkomplu nibnu fuqa għat-tieni edizzjoni akbar u aqwa. L-attivita' saret bil-kollaorazzjoni tad-

Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u Farsons. B'sodisfazzjon is-Sindku nnofma lil Kunsill li l-Għajnsielem Football Academy li kienu partecipi f'din l-attivita' permezz ta' bar u snacks kien fadlilhom profitt sodisfaċenti u dan ikompli jimliena kuraġġ biex norganizzaw aktar attivitajiet li minnhom jibbenifikaw l-għaqdiet tal-lokal. Kienu bosta l-kummenti ta' tifħir anke fuq il-media soċjali. L-uniku lment kien li l-mużika għolja telfet xi ftit mill-attivitajiet tal-Knisja. Is-Sindku wieġeb li kieku konna nfurmati minn qabel minħabba dan l-inkonvenjent żgur li konna nsibu kompromess iżda dak il-ħin ma seta' ssir l-ebda modifikazzjoni tal-programm. Għal sena oħra nżommu f'moħħna dawn iċ-ċirkustanzi u nindirizzawhom minn qabel.

49.6.3 Il-Kunsillier Larry Buttigieg irrefera għall-attivita' bħala waħda li rnexxiet ħafna aktar milli konna qed nistennew u naraw li sena oħra nkabbru l-attivita'. Huwa spjega li għandu kuntatti ma' xi Irlandizi li permezz tagħhom inkunu nistgħu nestendu l-kuntatti għall-aktar ħidma flimkien. Fil-fatt żewġ rapprezentanti mill-komunita' Irlandiza ġew mistiedna għal-laqgħa fejn magħhom inqasmu l-ideat ta' din l-attivita' u l-possibilitajiet ta' skambji bejn il-lokalita' ta' Għajnsielem u possiblment dik ta' Dingle fl-Irlanda.

49.6.4 It-tieni edizzjoni ta' Festa Roti kienet suċċess kbir ukoll u għal darb'oħra kellna konkorenza tajba ħafna. It-temp kien sabiħ ħafna u kien sabiħ tara tfal ta' kull eta inkluż beginners u dawk professjonisti jieħdu sehem. Is-Sindku f'isem il-Kunsill xtaq jirringrazzja għal darb'oħra lid-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, Rust, Good Clean Fun u Malta Mountain Bike Association tal-ghajnuna tagħhom biex seta' mill-ġdid jittella' dan l-avveniment.

49.6.5 Is-Sindku rrefera wkoll għall-attivita' ta'nhar il-Hadd 26 ta' Marzu li ser isseħħ bejn 9.00am u 3.30pm fejn se tiġi esebita wirja ta' karozzi militari, klassiċi u Amerikani quddiem l-każini mill-Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki.

## 49.7 Attivitajiet Sajf/Iljieli Sajfin

49.7.1 Is-Sindku Kevin Cauchi spjega li xieraq li issa nibdew niffukaw għal-sensiela ta' attivitajiet li jmiss ċioe dak dawk tas-sajf li ġej fosthom 'Iljieli Sajfin','GħajnsielemFest', Attivitajiet Interreg AMPPA u Corallo, Cocomelon Night u oħrajn.

49.7.2 Il- Kalendarju ta' dawn l-attivitajiet se jkun qed jitfassal fil-ġimgħat li jmiss. Huwa spjega wkoll li minn informazzjoni li għandu, bħala Bands

issusidjati mill-Ministeru għal Għawdex għall-iljieli ta' matul is-sajf isiru f'Għajnsielem ser isiru għal darb'oħra fl-Imġarr.

**49.8 Applikazzjoniet ta' aktar Skemi**

49.8.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-iskemi li nħarġu mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ħareġ li għal din is-sena. Dawn huma:-

**49.8.2** SPI/SCI/01/2023 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024 - Il-Kunsill qabel li għandu japplika għall-Milied f'Għajnsielem li jinkludi t-tiżjin u l-attivitajiet inkluż Bethlehem f'Għajnsielem 2023.

49.8.3 Is-Sindku spjega kif bħala budget għal din l-iskema hemm allokati massimu ta' €20,000 biss. Dankollu mhux ser jippermetti li nagħmlu attivitajiet u tiżjin ġdid. Sar qbil li f'din l-iskema għandna napplikaw għall-Milied f'Għajnsielem li jinkludi wkoll Bethlehem f'Għajnsielem.

**49.8.4** SPI/SCI/02/2023 - Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex – Is-Sindku spjega li din l-iskema mhix applikali għalina billi l-librerija tagħna se tinbena mill-ġdid u id-dipartiment se jkun qed jiprovdi biss servizzi ta' xogħolijiet.

**49.8.5** SPI/SCI/03/2023 - Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023 – Il-Kunsill qabel li għandu japplika għall-makkinarju li jista jintuża fit-tindif fit-toroq bħalma huma blower jew power washer.

**49.8.6** SPI/SCI/04/2023 - Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri u organizzati – Il-Kunsill qabel li għandu japplika sabiex jkompli il-pjan ta' installazzjoni ta' CCTV madwar Għajnsielem b'diskussjoni u qbil mal-Community Policing u Pulizija tad-Distrett t'Għawdex u LESA.

**49.8.7** SPI/SCI/05/2023 - Fond ta Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali - Il-Kunsill se jkun qed jiddentifika jekk hawnx siti li saru wara 2011 u jinħtieġu manutenzzjoni. Għal din l-iskema l-lokal tagħna ma jikkwalifikax peress li ma twettqux proġetti mill-Gvern Ċentrali minn dak iż-żmien l'hawn.

## 49.9 Hrug ta' offerti u ħatra ta' Bord tal-Evalwazzjoni għalihom

49.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għall-ħtieġa tat-twaqqif ta'Bord tal-Evalwazzjoni appena jiħargu u jgħalqu dawn l-offerti.

49.9.2 Għall- Offerta tal-Embellishment quddiem l-iskola Primarja ġie deċiz li l-Bord ikun kompost mil-Perit Godwin Sultana, William Sultana, Avukat Joshua Grech, is-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber u s-Sindku Kevin Cauchi.

49.9.3 Għall-Offerta għall-xiri ta' arbli dekorattivi għall-Triq J F De Chambray. Sar qbil li għandna naraw jekk nistgħux nagħmlu options tal-kuluri tal-arbli. Fil-każ l-option għandha tkun graphite. Bħala Bord tal-Evalwazzjoni għandu jkun kompost minn l-Inginier Galea Curmi, William Sultana, Avukat Joshua Grech, Lucienne Haber u Kevin Cauchi.

49.9.4 Għall-Offerta għall-upkeep u manutenzjoni tal-Latrina tax-Xatt il-Bord tal-Evalwazzjoni għandu jkun kompost mis-Sur William Sultana, Avukat Joshua Grech, Lucienne Haber, Kevin Cauchi u s-Sur Noel Formosa.

## 49.10 Miżura Ġdida 4.4

49.10.1 Is-Sindku spjega kif il-Kunsill huwa infurmat li ħierġa sejħa oħra taħt Miżura 4.4 tal-Unjoni Ewropea - Investimenti mhux produttivi marbuta mal-ilħuq tal-objettivi agroambjentali u klimatiċi. Hu propona li nerġu napplikaw għal aktar bini ta' ħitan tas-sejjieħ fosthom tkomplija ta' Triq Bireghen u Triq Bordin.

49.10.2 Il-Kunsill qabel li għandu japplika għalihom.

## 49.11 Programm Interreg Corallo Plus

49.11.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal-laqgħa li saret nhar il-Ġimgħa 24 ta' Marzu flimkien mal-Partners tal-proġett Maltin li huma l-Universita ta' Malta, ERA u Heritage Malta. Il-Kunsill tagħna se jkun qed joħroġ offerti għall-attivitajiet edukattivi fosthom boat trips u attivitajiet mmirati għat-tfal, anzjani u żgħażagħ. Se jinħarġu wkoll offerti għal fixed LED screen għal barra, LED banner u projector flimkien ma' kiosks interattivi. Il-programm jagħlaq fl-aħħar ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li għandna nipproċedu bil-ħruġ ta' dawn l-istimi u offerti.

49.11.2 Il-Budget ta' dan il-proġett huwa dak ta' €85,000 li jridu jintefqu sal-aħħar ta' Settembru li ġej. Is-Sindku propona wkoll li minn dan il-proġett għandna noħorġu tender għall-fixed display screen sabiex jitpoġġa fid-daħla tal-iskola jew bejn il-każini. Il-Kunsill qabel dwar dan u li minbarra nformazzjoni marittima għandu jkun jinkludi wkoll informazzjoni bażika fuq Għajnsielem.

## 49.12 Programm Interreg Amppa

49.12.1 Is-Sindku għamel referenza għall-Steering Committee ta' dan il-proġett li nżammet f'Malta nhar is-Sibt 4 ta' Marzu flimkien mal-Kunsill tal-Għarb u l-Partners tal-proġett Sqallin. Il-Kunsill tagħna se jkun qed joħroġ offerti għall-attivitajiet varji edukattivi għat tfal, anzjani u żgħażagħ. Sar qbil ukoll li għandhom jiġu ppublikati offerti għas-supply tal-għamara tal-Marine Interpretation Centre, kiosks interattivi u information panels. Il-programm jagħlaq fl-aħħar ta' Settembru 2022.

49.12.2 Is-Sindku spjega kif inġibditilna l-attenzjoni mill-Managing Authority ta' Malta, li peress li l-First Level Controller tal-Progett hija fl-istess hin l-Account tal-Kunsill, Pauliana Said, jista jkun hemm konflitt ta' nteress x'ħin tiġi biex tapprova l-pagamenti. Għalhekk huma talbuna sabiex b'effett immedjat nerġghu noħorġu sejħa mmedjata billi niġbru stimi.

49.12.3 Sadanittant ġbarna stimi mingħand:-

- Daniel Galea għall-prezz ta' €1500 ex VAT għal kull claim,
- Antonella Curmi għall-prezz ta' €1700 ex VAT għal kull claim, u
- Paul Mifsud għall-prezz ta' €2000 ex Vat għal kull claim.

49.12.4 Il-Kunsill qabel li għandu jagħżel l-orħos offerta dik ta' Daniel Galea għall-prezz ta' €1500 u jinfurmah biex jibda jerġa jiċċertifika mill-ġdid l-ewwel claim. Sar qbil li għandhom jintbgħatu l-Letter of Acceptance u Letter of Rejections skond l-għażla.

## 49.13 Proġett Ġnien fi Triq il-Briegħen

49.13.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-fatt li kif kien maqbul f'laqgħat preċedenti, il-Kunsill Lokali Għajnsielem qiegħed jaħdem mal-Kunsill Lokali Xewkija sabiex il-ġnien taż-żebbuġ li hemm fil-konfini taż-żewġ lokalitajiet jinbidel f'park ta' mistrieħ għall-familji. Il-Kunsill tax-Xewkija ħa l-inkarigu li jqabbad il-Periti tiegħu sabiex jlesti l-ewwel concept sketch li qed jiġi preżentat illum waqt il-laqgħa. Fil-ġranet li jmiss se jsiru aktar laqgħat dwar kif għadna nipproċedu fuq dan il-proġett.

49.13.2 Is-Sindku tax-Xewkija ħa ħsieb l-inkarigu ta' Perit minn naħa tagħhom u ħadu ħsieb li jdaħħlu xi passaġġi u bandli. Bħala specs kienu nklużi bankijiet ikkuluriti iżda s-Sindku ma qabilx u propona li jkunu tal-injam biex jaqblu mal-ambjent.

49.13.3 Il-Kunsill qabel mal-kontenut tal-pjanti u sar qbil li flimkien mal-Kunsil tax-Xewkija għandna nipproċedu dwar l-applikazzjoni tal-iżvilupp.

## 49.14 Aggornament dwar il-Progetti Kapitali

**49.14.1** Is-Sindku Kevin Cauchi ta update dwar il-proġetti kurrenti:

**49.14.2** **Playingfield Gudja** Is-Sindku spjega kif ix-xogħol fuq dan il-progett kompla ġmielu. Is-siġar kważi tħawwlu kollha u saret it-tunnel bid-decorative cement li sar qisu blat naturali. Il-canopy bl-injam tal-iroko giet ordnata u kważi lesta wkoll. Il-boċċi pitch hija lesta wkoll u Team Mosaic se jibda x-xogħol fuq disinn maħdum minn Mary Portelli għal ħajt ta' dan l-istess pitch. Ġew ordnati wkoll il-braille signs nformattivi u ser jinkludu wkoll QR codes.

49.14.3 **Triq Ħamri -** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur infurmana li se jibda x-xogħolijiet f'din it-triq f'Nofs April.

49.14.4 **Pjazza Tolfa -** Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu l-perit mal-Kuntrattur sabiex jitkomplew ix-xogħlijiet li fadal.

49.14.5 **Librerija u ċentru marittimu** Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li s-Sur Paul Stellini qed jifinalizzaw l-aħħar disinni filwaqt li għaddejin diskussjonijiet mas-CEO tal-Malta Libraries fuq l-ixkaffar u l-qisien meħtieġa. Sar qbil li fil-ġranet li jmiss se jinħarġu l-offerti għal bqija tal-għamara u equipment. Il-finishing se jibda wkoll fil-ġranet li jmiss. Sar qbil li għandna wkoll naraw kif nagħmlu specifications għat-tisqifa tad-daħla tal-iskola u nipprovaw indaħħluha mal-proġett tal-Amppa.

49.14.6 **Public Convenience -** Is-Sindku rrefera ghall-fatt li x-xogħol fuq dan il-proġett kellu jieqaf minħabba li nstabu tankijiet tal-ilma tal-asbestos fis-sit. Huwa spjega kif immedjatament kellna nsibu kumpanija speċjalizzata li se tneħħi dawn it-tankijiet u qed nistennew stima biex eventwalment inkunu nistghu nkomplu bix-xogholijiet.

49.14.7 **Proġett – Belveder Triq Qigħan -** Is-Sindku Kevin Cauchi għarraf b'sodisfazzjon lill-kunsilliera li x-xogħol fuq dan il-progett inbeda u miexi b'rittmu tajjeb. Ic-cement tal-bankina inqala' u ħitan tas-sejjieħ bdew jinbnew ukoll. Is-Sindku staqsta l-opinjoni tal-Kunsilliera dwar il-kuluri tal-bankijiet li ser jiġu ordnati għal dan il-post. Il-Kunsill qabel li għandu jordna 10 bankijiet mingħand Anton Zarb għall-prezz ta' €450+VAT il-wieħed. Bħala kuluri il-kunsill qabel li għandu jħallat il-kuluri. Sar qbil ukoll li ser jitħawwlu l-palm u jsirilhom dawl minn taħthom. Sar qbil ukoll li għandhom jiġu mdawwra bil-konok tal-mosaic. Sar qbil ukoll li bejn Triq il-Mrejżbiet u Triq il-Qigħan isir xi tisbieħ bil- Mosaic bil-kelma Qigħan . Minħabba xi entraturi tal-għelieqi u xi livelli ma setgħatx issir fin-nofs eżatt ta' bejn dawn iż-żewġ toroq.

49.14.8 **Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini.**
Għal dan il-proġett is-Sindku spjega kif jinsab fil-fażi finali tad-draft tad-dokument tat-tender tal-fanali u sar qbil li jinħareġ fil-ġranet li jmiss. Is-Sindku spjega kif minn

naħa tiegħu il-Perit Shawn Micallef qed jaħdem fuq pjanta għal tender sabiex il-bollards jkollom taħthom pavimentar. Dawn il-bollards bil-pavimentar taħthom ser isiru quddiem il-monument 'il-Bank tal-Pjazza', quddiem is-Sangristija tal-Knisja u quddiem id-daħla tal-grawnd. Il-bqija tal-budget li kellna mill-iskema tad-dipartiment se tintuza għal pavimentar ta' quddiem il-każini.

49.14.9 **Ġnien quddiem l-iskola Primarja**

Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal-fatt li d-diskussjonijiet mal-Ministeru għal Għawdex sabiex jiġi ffinanzjat wkoll il -faċċata tal-iskola bil-cladding tat-travertine ġew iffinalizzati u qed nistenew li niffirmaw ftehim biex b'hekk ikun jista' jinħareġ tender wieħed. Id-draft tad-dokument tat-tender huwa finalizzat u l-Kunsill qabel li nistgħu nipproċedu bil-pubblikazzjoni tiegħu.

49.14.10 **Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra** - Is-Sindku spjega li qed nistennew lil-perit jiffinalizza d- dokument tat-tender.

49.14.11 **Triq Daħlet l-Għama** - Is-Sindku rrefera għall-award tat- tender u ġie ffirmat il-kuntratt. Il-pjan hu li jibda fil-ġranet li jmiss.

**49.14.12 Bini Arkata** - B'sodisfazzjon s-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-approvazzjoni tal-permess li ġiet approvat aktar kmieni dan ix-xahar. Din id-deċizzjoni ma' kinitx faċli u kien proġett ta' diversi snin. Qed nistennew il-BOQ tal-Perit sabiex napplikaw mad-DPF tal-Planning Authority għal bini ta' din l-istess arkata. Il-Kunsill qabel ma' din id-deċizzjoni.

49.14.13 **Ġnien Brieghen mal-Kunsill tax-Xewkija** - Referenza għal dan il-proġett saret f'dawn l-istess minuti.

**49.15 Xiri/Lease ta' Photocopier**

49.15.1 Is-Sindku ħabbar li l-photocopier tinħtieġ tinbidel peress li qed tfixkel l-andament ta' ħidmet il-Kunsill. Sadanittant qed jinġabru stimi ta' xiri jew lease ta' waħda ġdida.

49.15.2 Il-Kunsill qabel li jkun aħjar li mmorru għall-option ta' leasing . Għalhekk għandna niġbru stimi u mmexxu mal-orħos waħda.

**49.16 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

49.16.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti numru 120 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

**49.17 Materji oħra**

49.17.1 Waqt il-laqgħa ġie mistieden is-Sur Joe Debono li għogbu jagħmel għotja ta' electric mobility scooters u waqt il-laqgħa saret il-preżentazzjoni

tagħhom. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom ikunu għall-użu ta' min għandu bżonnhom u jkun jista jużahom għal-xahar u wieħed jista' jġedded skond il-ħtieġa. Sar qbil li min juzahom ikun bla ħlas iżda jkun mitlub jagħti donazzjoni żgħira li tmur għall-Arka.

49.17.2 Waqt il-laqgħa saret komunikazzjoni virtwali ma' Angelo Muscat fejn spjega li jixtieq jagħmel kunċert ta' muzika sagra fl-okkażżjoni tal-100 sena mill-inawgurazzjoni ta' Sant'Antnin. Ser jibgħatilna d-dettalji kollha tal-ispejjes involuti. Il-kunċert ser ikun kompost minn orkestrina żgħira u mhux ser ikun bżonn ta' spejjes ta' dawl u sound. Id-data prevista ser issir aktar tard matul is-sajf.

49.17.3 Ġiet trattata t-talba mill-ġdid sabiex isir reserved parking għall-banka tal-lottu. Il-Kunsill ma' qabilx ma' din it-talba peress li hawn problema kbira tal-parking.

49.17.4 Ġiet trattata t-talba għall-mera ġdida fil-kantuniera ta' Triq Lourdes.

49.17.5 Ġiet trattata t-talba għal handrail accessibli ħdejn ta' Grech Butcher. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba.

49.17.6 Ġie trattat l-ilment mingħand resident li wegga' waqt li kien miexi fuq il-platform tax-Xatt l-Aħmar. Il-Kunsill jixtieq juri solidarjeta miegħu iżda minn naħa tiegħu s-Sindku rrefera għad-diversi drabi li bgħatna lil tas-CMU biex isewwuha. It-tiswijiet ser isiru.

**49.18 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

49.18.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 28 t'April 2023 fis-2:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**